ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 57/07**
It-Tnejn 26 ta' Settembru 2016 fis-18:00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *ASSENTI* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL 19:10PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *SKUŻAT* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji - *Inkluż Skeda ta' Pagamenti 44/07*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li l-Kunsillier Luke Genuis kien bgħat li ma setgħax jattendi għal-laqgħa u għaldaqstant talab li jkun skużat. Il-Kunsill unanimament laqa' t-talba.**

***F'dan il-waqt il-Kunsillier Frans Agius talab sospensjoni mil-laqgħa sabiex irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsilliera, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv għas-solidarjeta li wrew miegħu u mal-familjari tiegħu wara t-telfa ta' missieru. Is-Sindku f'ismu u f'isem il-preżenti reġa għal darb'oħra tah il-kondoljanzi.***

***Hawnhekk imbagħad il-laqgħa kompliet kif skedat.***

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħa nru. 56/07 tat-2 ta' Settembru 2016 fis-18:00pm, ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, għadna l-istess. Żied jgħid li għadna qed nistennew l-avukat tagħna jagħtina risposta. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku rigward il-vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo, qal li wara li għaddejna l-filmat lill-pulizija u ġibna stima tal-ħsara tal-bieb, issa ġejna nfurmati li l-Ispettur bgħat għal 3 persuni u ser iressaqhom, infurmana wkoll li dawn aċċettaw li jħallsu l-ispejjeż. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sa' dak il-ħin tal-laqgħa ħadd minn dawk msejħa mill-pulizija ma ġie biex ikellimna hekk kif kien infurmana l-Ispettur. Vandaliżmu

ii.i Sadanittant is-Sindku qal li ngħalqet il-parti taċ-ċint tal- ground minn fejn kienu qed jidħlu xi żgħażagħ.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. Is-Sindku qal li sadanittant hu tkellem anke mal-Ministeru u qabad id-dokumenti tas-sentenza biex jaraw naqra l-affarijiet u qalulu li mhux suppost li appell idum iktar minn 3 snin biex jiġi appuntat. Ser nerġgħu nikkuntattjaw l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward xi pendenzi fuq *traffic management* f'Ħal Tarxien, is-Sindku qal li nhar is-16 ta' Settembru 2016 saret laqgħa fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fejn preżenti mit-TM kien hemm is-Sinjuri Silvio Scerri, u Michael Cohen filwaqt li mill-Kunsill kien hemm hu bħala Sindku kif ukoll is-Seg. Eżek. is-Sna Galea. Traffic Managment

iv.i Sadanittant żied is-Sindku li ġiet skedata laqgħa oħra għal nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016, din id-darba fuq il-post fid-diversi siti fir-raħal li dwarhom għad hemm xi pendenzi.

iv.ii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bus shelter ta' Triq Palma ġie approvat fejn kien oriġinarjament pero dan irid jixtrih il-Kunsill. Is-Sindku semma xi prezzijiet ta' kemm bejn wieħed u ieħor jista jiġi jiswa dan il-bus shelter pero qal li għadu qed jiċċekkja għall-stimi. Sadanittant il-Kunsill unanimament qabel li dan il-bus shelter isir bi spejje tal-Kunsill. Bus Shelter – Triq Palma

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rega saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill dwar DNO fuq l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass peress li għadna kif konna u għadna qed nistennew. Qal ukoll li l-Perit Mintoff kellu jerġa jiċċekkja mal-PA u jkellimna lura. Ġnien Kurunell Mass

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li konna għaddejna d-dettalji lill-Avukat tal-Kunsill tal-persuna li kien kellu l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra u għadna qed nistennew mingħandu. Inċident monument – Avukat UNTOURS

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li waqt laqgħa mal-Perit Mintoff fil-file li għandu l-Kunsill il-Perit sab pjanta aġġornata bil-proġett kif inhu llum. Jidher li allura l-permess kien ħareġ fuq din il-pjanta l-ġdida u għaldaqstant ma jistax jifhem kif l-COMPLIANCE CERTIFICATE baqa qatt ma ħareġ mill-Planning Authority. . Meter Ġnien Ovindoli

viii. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

ktibna lid-Dipartiment Gvern Lokali sabiex id-DLG jidderiġina kif għandna nipproċedu u bgħatulna checklist. Għad irridu niltaqgħu flimkien mal-Avukat tal-Kunsill sabiex tiġi diskussa din il-BYE LAW minħabba xi proċeduri legali li jista jkun hemm.

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li jidher li x-xogħol fuq Triq San Franġisk kien inbeda, għamel ftit jiem u issa ilu ġranet wieqaf. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

x. Rigward il-laqgħa mal-kumpanija GREEN MT ippjanata għal nhar l-10 t'Awwissu 2016 minħabba talba tal-Iskola St Thomas Moore sabiex isiru xi bins fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola, din ġiet posposta għal nhar l-4 ta' Ottubru 2016 . Laqgħa GREEN MT – Bins

x.i. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa ser jirrimarka li kuntrarju għal dak imwiegħed fil-kuntratt, il-bins lill-ħwienet tar-raħal kienu għadhom ma tqassmux.

xi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li dwar l-ħaddiema taħt l-COMMUNITY WORK SCHEME li b'kollox assenjati magħna għandna 8 kif ukoll dwar l-iffirmar tal-Memorandum of Understanding li fost oħrajn hemm klawżola li l-Kunsill Lokali jrid jħallas lil kull ħaddiem performance bonus ta' €300 fis-sena għadna ma rċevejniex linji gwida mingħand id-Dipt. Gvern Lokali. Community Work Scheme

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta' skambi bejn gruppi varji, mexjin bin-negozjati biex isiru dawk il-proġetti. Sadanitant nhar it-30 ta' Settembru 2016 ser issir laqgħa mal-Kuntrattur tal-Kunsill biex niddiskutu iktar dan il-kaz. Ġemellaġġ ma' Ovindoli

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna ktibna lill-Planning Authority dwar it-talba għal żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir. S'issa kienet għadha ma waslitx risposta. Żvilupp ta' bini fi Triq l-Assedju Kbir

xiv. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI . Wara li ktibna lill-librara tal-Kunsill u din minn naħa tagħha bgħatitilna lista tal-kotba, issa ser nqassmu din il-lista lid-distributuri lokali tal-kotba u nitolbuhom kwotazzjoni. CIRKOLARI DLG 8/2016 – LIBRERIJI

xiv.i Is-Seg. Eek. fakkret li d-Dipt. Gvern Lokali ser jħallas nofs l-ispiża sa massimu ta' €600, filwaqt li l-Kunsill Lokali jkun irid jonfoq l-istess ammont. Il-Kunsill hawnhekk qabel li jekk allura l-ammont jiġi iktar minn €1200 komplessivament, xorta waħda għandna nibgħu għaddejin bix-xiri ta' dawn il-kotba.

xv. CIRKOLARI DLG 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016 . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment kien bgħat biss *acknowledgement* li waslitlu l-applikazzjoni tal-Kunsill. Fakkret ukoll li l-Kunsill kien għamel it-talba għas-salib ta' Triq Tempji Neolitiċi k/m Triq Sta Marija. CIRKOLARI 9/2016 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2016

xvi. Is-Seg. Eżek. qalet li d-Dipt kien bgħatilna *checklist* tal-proċedura għall-GEMELLAGG. mal-lokalita ta' LULA fl-Italja. Din ser jieħdu ħsiebha is-Sindku Paul Farrugia flimkien mas-Seg. Eżek. Proċedura – Gemellaġġ LULA

xvii. Rigward l-ittri mis-Seg. Kumitat tal-Festa is-Sur Joshua Mercieca, u l-laqgħa li kienet ippjanata bejn il-Kumitat kollu u l-Kunsill kollu, is-Sindku spjega li din kellha tiġi posposta minħabba laqgħa/ attivita' importanti li saret mill-Ministeru flimkien mad-Dipt. Gvern Lokali. Ittri Kumitat tal-Festa.

xvii.i Il-Kunsill iddeċieda li din il-laqgħa ssir nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru fis-19:00pm ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali. Laqgħa Kumitat tal-Festa

xvii.ii Sadanittant saret diskussjoni dwar il-fatt li issa li għaddew iktar minn sitt xhur minn meta l-Kunsill unanimament kien ħa d-deċiżjoni li dawk il-permessi kollha mitluba mill-

Kappillan u/jew relatati mal-Knisja ma jibqawx issussidjati mill-Kunsill imma jibdew iħallsu għal kull permess, issa l-Kunsill kien f'pożizzjoni li jirrevedi din il-mozzjoni. Għaldaqstant is-Sindku Paul Farrugia ssuġġerixxa u l-Kunsillier Frans Agius issekonda li l-permessi kollha mitluba mill-Kappillan u/jew relatati mal-Knisja jerġaw jkunu ssussidjati. Il-Kunsillieri Keith Darmanin u Doris Vella qablu ma' dan is-suġġeriment.

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ħadd mill- Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina ma kien kellmu lura jew bgħat xi forma ta' tweġiba lill-Kunsill wara li hu personali kien qassam bl-idejn r-risposta għall-ittra li kienet wasslet mingħand is-Seg. s-Sur Peter Agius.

Risposta għall-Ittra Seg Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina

xix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ż-żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16 ġew effettivi u l-impjegati in kwistjoni bdew nhar it-12 ta' Settembru 2016. Sadanittant żied jgħid li dwar iż-żewġ trainees l-oħra peress li bqajna mingħajr risposta effettiva mingħand iċ-Chairman tal-Jobsplus, kien qed jissuġġerixxi li tali talba tintbgħat lill-Onor. Seg. Parlamentari Stefan Buontempo. Il-Kunsill qabel unanimanet ma' dan is-suġġeriment.

Approvazzjoni żewġ ħatriet għall-impjieg full time bħala Assistenti Skrivani fuq skala 16.

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif propost u approvat mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, l-ittri liċ-ċittadini li kienu għamlu t-talbiet kienu ntbgħatu kollha skond kif maqbul. Kif ukoll kull min kellu jiġi jiġbor ir-rifużjoni kien ġie u għalhekk s'issa ma kienx hemm aktar talbiet pendenti..

Bord tat-Tyres

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-19:10pm*

xxi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġabar xi kwotazzjonijiet sabiex isir xogħol urġenti fuq il-GAZEBO ta' Ġnien Veliko Turnovo wara li xi individwi kienu daħlu fiha u vvandalizzawha. Dwar dan kien sar rapport u kien qed jiġi investigat mill-pulizija.

GAZEBO – Ġnien Veliko Turnovo

xxi.i Iż-żewġ kwotazzjonijiet kienu ta' : ■ ANTHONY GALEA għall-valur ta' €8,350 u l-oħra ta' ■ ANTON AGUIS għall-valur komplessiv ta' €2,780. Is-Sindku qal li dawn il-valuri m'hemmx inkluż il-materjal u għaldaqstant il-Kunsill ried iżijd l-ispejjeż tal-materjal.

xxi.ii Saret diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil unanimu li jintgħażel Anton Agius bl-istima ta' xogħol ta' €2,780 kif ukoll li minħabba l-urġenza tal-każ dan ix-xogħol għandu jinbeda mill-aktar fis possibbli.

xxii. Rigward il-korrispondenza li waslet il-Kunsill dwar xi attivitajiet relatati mal-JUM DINJI TAT-TFAL nhar l-20 ta' Novembru 2016, il-Kunsillier Frans Agius qal li din il-materja ser jressaqha għad-diskussjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill Skolastiku. Qal ukoll li ser issir ligi.

Jum Dinji tat-Tfal – 20/11/16

xxiii. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat il-Kunsill li kienet waslet korrispondenza mingħand il-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta dwar tħejjija ta' Pjan Soċo Edukattiv u fejn kienu qed jitolbu x'faċilitajiet kellu l-Kunsill Lokali għaż-żgħażagħ.

Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta dwar tħejjija ta' Pjan Soċo Edukattiv

xxiii.i Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill Lokali li nwieġbuhom li bħala faċilitajiet kien hemm il-5 aside ground u li pero bħalissa kienet teżisti problema fuq it-turf. Għaldaqstant il-Kunsill xtaq japprofitta minn din il-korrispondenza sabiex jara hemmx xi ċans li bl-intervent tal-Kunsill Konsultattiv kif ukoll tas-Segretarju Parlamentari għall-Isports jistgħux jgħinu biex jinbidel dan it-turf u b'hekk iż-żgħażagħ jkunu jistgħu jerġgħu jużaw u jgawdu dan il-grawnd.

xxiv. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li kienet waslet korrispondenza mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta dwar il-PRESIDENTS SOLIDARITY RUN 2016 u jekk il-Kunsill

PRESIDENTS SOLIDERITY RUN 2016

Lokali kienx interessat li jipparteċipa. Din il-korrispondenza ser tgħaddi lill-Kunsillier Keith Darmanin sabiex jara x'jista jagħmel.

xxv. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. resqgħet quddiem il-Kunsill Lokali żewġ ismijiet ta' Segretarji Eżekuttivi attwali sabiex f'każ ta' assenza fit-tul tagħha jkunu jistgħu jservu bħala Deputati fil-Kunsill Lokali Ħal Tarxien. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

xxv.i Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie deċiż li għalissa ebda persuna ma tiġi approvata għal dan ir-rwol u dan għaliex jidher li l-Assoċjazzjoni Gvern Lokali kienet għadha ma ħarġitx direttiva lill-Kunsilli Lokali dwar din il-materja.

xxvi. Ċirkolari 26/2016 - PINK OCTOBER . Is-Seg. Eżek infurmat lill-Kunsill li d-Dipt. Gvern Lokali kien qed jitlob lill-Kunsill jekk kienux ser jipparteċipaw billi jixgħelu xi bini bil-kulur roża. Lokali. Ċirkolari 26/2016 - PINK OCTOBER

## 3. Affarijiet Finanzjarji

- **<u>Skeda ta' Pagamenti</u>**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 43/07 għall-fatturi ta' Settembru 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

- **<u>Rapport tat-Tieni Kwart</u>**

Kopja ta' dan ir-rapport ġie mgħoddi lill-Kunsillieri għall-osservazzjoni tagħhom. Is-Seg. Eżek. spjegat fuq rakkomandazzjoni tal-Accountant tal-Kunsill li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill kienet waħda stabbli u tajba ħafna tant li l-indikatur finanzjarju tela' għal 33%. Dan ir-rapport ġie approvat u ffirmat.

## 4. Rapport tal-Kunsilliera

*i. Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*

Is-Sur Agius qal li LIFELONG LEARNING kienu erbgħa persuni biss li aċċettaw mil-lista kollha li kienet intbgħatet.

*ii. Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella*

Is-Sra Vella qalet li kienet ser torganizza ħarġa għax-xahar t'Ottubru.

## 5. Ħwejjeġ Oħra

i. Is-Sindku Paul Farrugia qal li wara li għamilna xi żmien fil-kwiet fejn ma smajna xejn mill-Ex Sindku Joseph Abela jidher li imma issa reġa beda bl-attakki kontra l-Kunsill Lokali u speċjalment fil-konfront tiegħu personali. Dan għall-fatt li nħolqot paġna ġdida fuq FACEBOOK li jisimha *HAL TARXIEN IR-RAĦAL LI TANT INĦOBBU.* Paġna ġdida fuq FACEBOOK li jisimha *HAL TARXIEN IR-RAĦAL LI TANT INĦOBBU.*

i.i Kompla s-Sindku li din hija ċara li hija kampanja kontra tiegħu bħala s-Sindku. Qal li diġa għandu ħjiel minn ħoloqha.

i.ii Saħansitra l-Ex Sindku Joseph Abela kiteb dwar xi saqqu li ra mormi barra fiz-zona magħrufa bħala ta' "Wara l-Bjut" u kien *"ilu hemm iktar minn ġimgħa ħadt ma rah????"* Mehmuża dokumenti "A1 u A2" bħala riferenza.

i.iii F'okkażjoni oħra f'din l-istess paġna xi ħadd tella' ritratt dwar is-*soft area* ta' fejn hemm il-funtana fi Triq il-Kbira. Fejn xi ħadd irresponsabbli qatgħa xi ħaxix u ramiegħ f'din il-pjazzetta. Fost kummenti oħra, kien hemm kumment tal-Ex Sindku Joseph Abela fejn dan kiteb *"Ma nafx x'qegħdin jistennew Dan ir-ritratt ġi Posted fil 11 ta' Settembru u għadu kollox kif inhu post it-turisti ħbieb u għal ġieħna mill-kiosk ta' fejn it-tempji qiegħed jitqassam bxejn lit-turisti ktieb u DVD Ħal Tarxien By Walk"* . Mehmuż dokument "A3" bħala riferenza.

i.iv Is-Sindku Paul Farrugia qal li sar jaf ukoll li Joseph Abela kien għadda wkoll kumment ieħor fuq FACEBOOK pero din id-darba fuq FACEBOOK personali ta' xi ħadd, fejn irrimarka lill-persuna li kien kiteb favur is-Sindku Paul Farrugia li *"min jikteb favur tiegħu (jiġifieri tas-Sindku Paul Farrugia) bilfors jagħmel dan għax miegħu qed igawdu".*

i.iv.i Is-Sindku Paul Farrugia rrimarka li fejn hu sewwa u min hu sewwa ma jarax għalfejn għandu jbgħati xi ħadd!

i.v Żied jgħid Paul Farrugia li issa bħala turija lill-Ex Sindku Joseph Abela u lil kull min qed mingħalih jappoġġja l-atteġjament tas-Sur Joseph Abela uffiċċjalment qed jitlob li f'laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss jitla' rapport fejn juri rendikont tal-flejjes li kienu jintefqu fi zmien l-Ex Sindku Joseph Abela u l-istess spejjeż li qed jintefqu issa fi żmienu bħala Sindku. Dan għall fatt li kulħadd mill-preżenti u saħansitra anke mill-poplu hemm barra li tassew irid jagħraf is-sewwa, suppost jaf li wara r-riżenja tal-Ex Sindku Joseph Abela l-Kunsill Lokali baqa għaddej jagħmel l-affarijiet li fi dmiru li jagħmel. B'differenza pero li għaraf kif jonfoq u qagħad bil-għaqal u ġew iffrankati ħafna flus li kienu jintefqu, fl-opinjoni tiegħu bl-bżonn, mill-Ex Sindku Joseph Abela.

i.v.i Unanimament il-Kunsill Lokali qabel li jiġi ppreparat dan ir-rapport u li jiġi ppreżentat f'laqgħa oħra li jmiss.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 8.15pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2016 fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**

Doc 'A1'

Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.

26 July ·

Ma nafx jekk hux il-mizbla tal-maghtab jew Hal Tarxien qedghin!!! X'arukaza wara l-bjut!! Ihobbuh hafna l'Hal Tarxien u fl-aghar bicca fejn joqghodu it-turisti!! Meta ha nammituraw naqa u mmorru narmu l-hmieg taghna fejn suppost?? Minn ihobb li r-rahal m'hemmx rispetti izda aghmlu SHARE...



Like Comment Share

Frans Agius, Ishmael Dalli and 114 others

Top comments

31 shares

Doc 'A2'

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.**
5 September ·

Trid tkun imbecilli u pastaz biex taf li erba' minuti l-boghod mir-rahal hawn fejn tarmi u xorta ssib xi injorant jarmi barra. Dan kollu ghax m'hawnx bizejjed infurzar. Meta dan il-poplu ha jitghallem ma jkunx iktar mahmug? Jekk idejjaq lilek id-dar anke lilna jdejjaq barra aa injorant u skuzani nghajjrek hekk izda hekk jixraqlek int minn int!!!!!!!



Like Comment Share

Ishmael Dalli, Rudolph Marmara and 107 others Top comments

5 shares

Write a comment...

**Gino Carabott** you said there`s a place 4 minutes away where one can dump trash, where is this place please ?
Like · Reply · 7 September at 12:18

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.** In luqa!!!
Like · Reply · 1 · 7 September at 13:04

**Joseph Abela** Mad dar tal kappillan hemm saqqu ilu iktar minn gimgha hadt ma rah????
Like · Reply · 5 · 5 September at 15:05

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.** Hadt ma bghattilna kieku konna nitfawh fuq din il-pagna.
Like · Reply · 5 September at 19:07

View more replies

**Markus Miccoli Marks** u issa jizdiedu aktar dawn il kumidji sfortunatament ghax biex tmur tarmi il waste serve issa giet li skond x karozza ikollokhttp://www.tvm.com.mt/.../daqshekk-rimi-mill-industriji.../
Like · Reply · 5 · 6 September at 07:02

**Samuel Schembri** veru mija fil mija flok immorru il quddiem morna lura hek ghamluhom veru
Like · Reply · 7 September at 18:33

**Miriam Martin Gauci** x igifieri
Like · Reply · 8 September at 17:11

Write a reply...

**Anna Paul Said** Zibel sar hal tarxien u kulhadd jamel li jrid
Parking bl adocc klieb jimbhu sewqan eccesiv go xintill street qisna jungla sirna
Like · Reply · 2 · 5 September at 22:25

**Michael Vella** Min jaf min tefu hdejn il-kappilan riedx jibghat xi messagg?
Like · Reply · 5 September at 16:44

**Jon Mckay Cinematography** Ghax meta kellna sindlu sewwa ir rahal sentejn ilu tajnieh bis sieq.

Illum Hal Tarxien..... See more
Like · Reply · 1 · 9 September at 06:24

**Charles Debono** Il-poplu malti bis-swat biss jifhem jew jekk tmisslu l-but donnu....!!!!
Like · Reply · 7 September at 14:13

**Romina Spiteri** Naf xi giefieri ghax hdejja triq Leonardo abela nixba nara minn dawn ix xeni u nispicca ncempel jien lil tal kunsill.
Like · Reply · 6 September at 13:12

**Edmond Baldacchino** tarxien disaster .... u daqshekk ...f 10 snin flokk il quddiem morna lura ...
Like · Reply · 2 · 5 September at 22:37

**Joseph Borg** naseb ha jibni bus selter ima
Like · Reply · 7 September at 16:28

**Martin Pace** kien qieghed jahseb jekk jibniex stages minflokk TM
Like · Reply · 9 September at 18:04 · Edited

**Anton Cassar** Bongu u good day
Like · Reply · 7 September at 07:50

**Victor Pulis** ghala skuzajt ruhek ghax ghidtlu njorant? mela meta tghid il verita tiskuza ruhek?
Like · Reply · 8 September at 01:50

**Markus Miccoli Marks** ara tahsbu li hem biss ha jigri hekk !!https://www.facebook.com/Markus.City/posts/10154520433001118
Like · Reply · 6 September at 07:10

Write a comment...

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.**
22 August ·

Kenniesa ma tantx ghandna u anqas sindku li jahdem izda tigi minna li naddfu u ma nkomplux inhammgu!!! Hemm wara l-knisja jqazzek sa anke gurdien mejjet hemm. Immisna nisthu!!!!

Doc 'A3'

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.**

11 September ·

Ritratt li ghadna kif nircievu minghand xi hadt li jsegwi din il-pagna iktar mhu mitluq dak il-gnien xi hadt gharef hafna tefa munzell haxix minn go daru biex ikompli issebbah dan il-gnien!! Imbecilli trid tkun, imma tafu li hemm jkunu hemm it-turisti u wisq inqas joqghodu n-nies ukoll. Meta ha jitghallem dal-poplu li hwejjgu jhallih go daru? Meta taraw xi haga hazina aghmlu bhal dal-proxxmu u ibghatulna fuq din il-pagna. Grazzi!!



Like Comment Share

78 Top comments

1 share

Write a comment...

**Sam Busuttil** Imma issa ma nafx ala wehel il kunsill ax dan ur ritratt juri li xi hadd injorant flokk cempel u jigu johdulu l weraq qabad u ramieh gol gnien ta St Mary Str.

Like · Reply · 14 September at 07:25

**Hal Tarxien ir-rahal li tant inhobbu.** Ma wehilx is-sindku fuq hekk izda jekk tghaddi minn hemm ghandu bzonn rangatura dak il-gnien.

Like · Reply · 14 September at 07:26

**Sam Busuttil** 1 jien qatt na semejt us sindku jien il kunsill semejtcax sindku wahdu ma jamel xejn. U 2 l ewwel haga anndba nibzae al affarijuet ahna bhala poplu

Like · Reply · 14 September at 07:29

Write a reply...

**Etienne Gatt** bir rispett kollu hal tarxien spicca il- kunsill lokali, hemm apatija kbira, bzonn ta demm gdid

Like · Reply · 4 · 12 September at 07:10

**Cilla Anton Baldacchino** Bdilnih is sindku u ramina l hemm wara li tellejnih issa mhux jatu kaz qijsu ma hemm hadd

Like · Reply · 2 · 12 September at 07:14

**Victor Pulis** din baghttha lill kunsill fuq FB u ma hadtx twegiba forsi xi hadd jaraha hawn u jghidilhom.




Like · Reply · 12 September at 16:04

**Elizabeth Borg** HAL TARXIEN,rahal tweliedi,pero noqod IR RAHAL GDID,ghal dawn l-ahhar 30 sena,u nghidilhom grazzi li accetawna,VMA,VKR,

Like · Reply · 16 September at 14:39

**Joseph Abela** Ma nafx xqieghdin jistennew Dan ir ritratt gi
Posted fil 11 ta Settembru u ghadu kollox kif inhu post it turisti hbieb u ghal giehna mill kiosk ta fejn it tempji qieghed jitqassam bxejn lit turisti ktieb u DVD Hal Tarxien By Walk

Like · Reply · 19 September at 23:24

**Mario Saliba** Qatt ma jitalmu ignorant sintku biex is sahan is siggu patpit I u paroli andu tarxieniz ta vera

Like · Reply · 13 September at 15:58

**Censina Axiaq** Imma kif qatt ma jitghalmu dawn in nies

Like · Reply · 14 September at 16:48

Write a comment...